MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Rikors Numru. 32/2007

**Domenic Mintoff (I.D. No. 371216M), Daniel Mintoff (I.D. No. 194422M), Joseph Mintoff (I.D. No. 288920M), Mary Grech (I.D. No. 39233M), Mary Anne Carbonaro (I.D. No. 249338M), Raymond Mintoff (I.D. No. 111326M) f'ismu proprju u f'isem u ghan-nom ta' Melinda Frendo (I.D. No. 454236M) u Lorenza sive Lola Doe (I.D. No. 57332M)**

**vs**

**Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali, Avukat Generali, u Leo Leyland**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottomettew:

Illi huma proprjetarji tal-fond Assunta House, Nazzarene Street, Paola, li jgib in-numru 7;

Illi dan il-fond kien inghata mill-proprjetarji b'cens ghal sbatax (17) -il sena fil-31 ta' Marzu, 1962, lil certu James Sauness, u dan b'kuntratt tal-istess data fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar, hawn esibit u mmarkat Dokument A;

Illi din il-koncessjoni enfitewtika ghalqet fl-1979, meta in okkupazzjoni tal-fond kien hemm Charles Cassar li kien dahal wara li akkwista r-rimanenti perijodu tac-cens;

Illi fit-terminazzjoni tal-istess cens Charles Cassar baqa' jokkupa l-fond bhala nkwilin bil-kera ta' sitta u tmenin lira maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm86.45) u dan b'awment mir-rata tac-cens precedenti ta' hamsa u erbghin lira maltija (Lm45) fis-sena;

Illi fl-1986 il-fond tar-rikorrenti gie rekwizizzjonat mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali hawn intimat bl-ordni ta' rekwizizzjoni numru 22104 u gie allokat lil Dolores Leyland li qabel kienet tirrisjedi fil-fond 67, Our Lady of Sorrows Street, Senglea; illi din l-allokazzjoni ma saritx minhabba li s-sinjuri Leyland kienu '*homeless'* jew fil-periklu jew minhabba raguni ta' anzjanita' imma biss bhala '*normal case'* u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dokument B;

Illi f'Mejju, 2002 id-direttur irrikonoxxa lil Leo Leyland bhala l-persuna li lilu kien qieghed jalloka l-fond u din l-approvazzjoni saret ufficjali f'Settembru, 2003;

Illi r-rikorrenti kienu lmentaw minn dawn il-fatti u anke mill-fatt li l-kera baqghet ma gietx awmentata imma ghalkemm kien hemm decizjoni tal-Ombudsman fid-29 ta' Ottubru,

2003 li l-ilmenti tal-proprjetarji ma kienux inghataw mid-dipartiment konsiderazzjoni xierqa;

Illi wara dan id-dipartiment koncernat baqa’ ma ghamel xejn u ma huwa jhallas l-ebda kumpens ghat-tehid tal-fond in kwistjoni;

Illi noltre l-imsemmi Leo Leyland, li huwa guvni wahdu, issa qieghed jipprospetta anke li jaghmel xoghlijiet fil-fond u jannetti kamra ohra, mal-fond tal-istess sidien minghajr il-permess u kontra r-rieda ta’ dawn is-sidien;

Illi fi kwalsijasi kaz il-kumpens li qieghed joffri d-dipartiment mhux wiehed li jirrifletti l-valur tal-fond fuq is-suq illum, billi dan il-fond fuq is-suq hieles jista’ jgib kera ferm ahjar minn dik li kien qieghed joffri li jhallas id-dipartiment; illi noltre dan il-fond issa ilu rekwizizzjonat ghal ghoxrin (20) sena u l-esponenti qeghdin igorru l-piz sproporzjonat bhala effett ta’ dan it-tehid;

Illi ghalhekk qeghdin jigu vjolati d-drittijiet tal-esponenti ghat-tgawdija tal-proprjeta’ taghhom bl-ordni ta’ rekwizizzjoni u tehid fuq imsemmi kif protetti bl-Ewwel Artiklu ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li bir-rekwizizzjoni fuq imsemmija u t-tehid tal-fond taghhom Numru 7, Assunta House, Nazzarene Street, Paola, qeghdin jigu vjolati d-drittijiet fondamentali taghhom imsemmi kif protetti bl-Ewwel Artiklu ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

2. Tikkundanna ghalhekk lill-intimati jirrilaxxjaw liberu u vojt f’idejn ir-rikorrenti l-fond fuq imsemmi wara li tannulla l-ordni ta’ rekwizizzjoni mahrug kontra taghhom;

3. Tillikwida kull kumpens lilhom dovut b’rizultat tal-okkupazzjoni tal-fond fuq imsemmi u b’konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom kif fuq inghad;

4. Taghti kull ordni u rimedju iehor xieraq jew opportun biex tigi spurgata l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom hawn lamentata.

Bl-ispejjez.

Rat ir-**risposta tal-intimati** a fol. 25 tal-process fejn issottomettew:

Illi fil-kawza odjerna l-esponenti qed jallegaw lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom senjatament taht l-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem konsegwenza tar-rekwizizzjoni fuq il-fond in kwistjoni u qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex wara li tannulla r-rekwizizzjoni msemmija tirrilaxxja l-fond liberu u vojt lir-rikorrenti u takkorda kumpens u rimedji ohra xierqa.

Illi l-eccipjenti jeccepixxu li l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet vantati mir-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi **in linea preliminari** in kwantu l-allegazzjoni ta’ ksur ta’ drittijiet fondamentali hija allaccjata ma’ ordni ta’ rekwizizzjoni li saret fl-1986 id-dispozizzjonijiet tal-Kap 319 ma jghoddux ghaliha stante dak li hemm provdut fl-Artiklu 7 tal-istess Kap.

Illi **in linea preliminari** din l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita’ l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-*proviso* tas-subinciz (2) tal-Artiklu 4 tal-Kap 319 stante li r-rikorrenti m’ezawrewx ir-rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni taghhom.

Illi **in linea preliminari** in kwantu l-esponent Avukat Generali m’ghandux il-mansjoni li johrog ordnijiet ta’ rekwizizzjoni u ma hemm ebda allegazzjoni direttament jew indirettament imputabbli lilu huwa mhuwiex illegittmu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi **in linea preliminari** r-rikorrenti ghandhom igibu prova li huma l-proprjetarji tal-fond in kwistjoni.

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost **fil-mertu** l-hrug tal-ordni ta’ rekwizizzjoni u l-allokazzjoni tal-fond in kwistjoni lill-familja Leyland u sussegwentement lil binhom Leo huma gusti u skond il-ligi kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ma hemm ebda ksur tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll in kwantu l-Kap 158 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandu biss l-ghan li jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta’. Isegwi ghalhekk li la f’kazijiet bhal dawn hemm biss limitazzjonijiet fuq it-tgawdija tal-istess proprjeta’, u m’hemmx tehid, kull argument migjub mir-rikorrenti anke dwar kumpens huwa rrilevanti, specjalment meta qed nirreferu ghal djar ta’ abitazzjoni li jiffurmaw parti mportantissima mill-qafas socjali.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat ir-**risposta tal-intimat Leo Leyland** a fol. 41 tal-process fejn issottometta:

1. Illi preliminarjament l-esponenti mhuwiex illegittmu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi preliminarjament ukoll ir-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji fil-Qrati Civili u/jew Bordijiet kompetenti u ghalhekk it-talba kostituzzjonali taghhom mhiex proponibbli skond il-ligi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost u fil-mertu l-ordni ta’ rekwizizzjoni in kwistjoni u r-rikonoxximent ta’ l-esponenti fl-allokazzjoni tal-fond ‘Assunta House’, Triq Nazzarenu, Paola saru skond il-ligi u ma sar l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, it-talba tas-sidien biex jizgumbraw lill-esponenti mill-fond in kwistjoni

u msemmi aktar ‘il fuq ma tistax tigi milqugha mill-Qorti stante li huwa pacifikament stabbilit li r-rekwizizzjoni ta’ fond ghandha effett li tispossessa lis-sidien rekwizizzjonati minn mindu ssir u sakemm tibqa’ ssehh ir-rekwizizzjoni l-pussess tal-fond u disponibilta’ tieghu ma tibqax aktar f’idejhom, izda f’idejn l-amministrazzjoni li rrekwizizzjonat il-fond, u konsegwentement ir-rikorrenti m’ghandhomx l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet dwar l-okkupazzjoni tal-fond u in sostanza mhumiex il-persuni li jistghu joqghodu in gudizzju dwarhom;

5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, konsegwentement isegwi li l-esponenti ma jista’ qatt jinstab responsabbli ghad-danni stante li l-okkupazzjoni tieghu tal-fond ‘*de quo’* hija skond il-ligijiet vigenti u r-rikorrenti m’ghandhomx l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet dwar l-okkupazzjoni tal-fond;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-offerta li r-rikorrenti ghamlu lil intimat id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali fis-6 ta’ Mejju 2003 li jakkomodaw lil esponenti f’post izghar f’112, Mary House, Triq Nazzarenu, Paola mhiex proponibbli stante li dan il-fond jinstab fi stat delapidat u mhuwiex abitabbli;

7. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti m’ghandu jbati l-ebda spejjez.

Salve risposti ulterjuri.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Eccezzjonijiet Preliminari**

Illi dana r-rikors thalla ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari, u senjatament fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet tad-Direttur ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali u l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta’ l-intimat Leo Leyland. (ara fol 44). It-tieni

eccezzjoni taz-zewg intimati hija l-istess u cjoe li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji.

**Eccezzjoni dwar l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 319.**

L-intimat Direttur ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali eccepixxa li nkwantu l-allegazzjoni ta’ ksur ta’ drittijiet fondamentali hija allaccjata ma’ ordni ta’ rekwizizzjoni li saret fl-1986 id-dispozizzjonijiet tal-Kap 319 ma jghoddux ghaliha stante dak li hemm provdut fl-Artiklu 7 ta’ l-istess Kap. Billi l-ordni ta’ rekwizizzjoni in kwistjoni saret u giet konkluza fil- 1986, kull allegazzjoni dwar ksur ta’ drittijiet fundamentali fil-konfront tar-rikorrenti li setghet saret qabel 1987 mhiex koperta bil-Kap 319 u japplika l-artikolu 7. Jikkonkludu ghalhekk l-intimati li xejn li sar qabel il-promulgazzjoni ta’ dak l-Att ma jista’ jigi sindakat abbazi tieghu.

Ir-rikorrenti jirritjenu invece li l-effett ta’ ordni ta’ rekwizizzjoni huwa wiehed li jkompli fiz-zmien fis-sens li t-tehid tal-proprjeta’ tipperdura ghaz-zmien kollu li l-pussess jibqa’ f’idejn id-direttur, u cioe ghaz-zmien kollu li jinzamm fis-sehh l-ordni ta’ rekwizizzjoni. Ghalhekk f’kazijiet simili l-effett huwa wiehed li jipperdura wara l-1987. Dan il-kaz hu differenti mill-kaz ta’ esproprjazzjoni taht titolu ta’ xiri assolut li jnehhi l-proprjeta’ minghand is-sid fl-istanti li jsir l-att ta’ trasferiment. Fil-kaz ta’ rekwizizzjoni l-effett mhux wiehed istantaneu imma jipperdura fiz-zmien.

Skond l-artikolu 7 tal-Kap 319 “Ebda ksur ta’ l-Artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni jew ta’ l-Artikoli 1 sa 3 (inkluzi) ta’ l-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta’ April 1987 jew ta’ l-Artikoli 1 sa 4 (inkluzi) tar-Raba’ Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew ta’ l-Artikoli 1 sa 5 (inkluzi) tas-Seba’ Protokoll li jsir qabel l-1 ta’ April 2002, ma ghandu jaghti lok ghal xi azzjoni taht l-artikolu 4”, cjoe il-procedura ghall-esekuzzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-hrug ta’ rekwizzjoni li biha id-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali ha fil-pussess tieghu l-fond in kwistjoni ghal uzu u kontrol minnu mhux

att istantaneju bhal meta l-Gvern jesproprja definittivament proprejta'.

Fil-kaz ta' rekwizizzjoni d-dritt tal-proprjeta' tibqa' tas-sid **u** jkun hemm minflok restrizzjoni fuq l-uzu tal-proprjeta' minn sidha. Izda jista' jirrizulta illi f'xi zmien sakemm il-proprjeta' tibqa' rekwizzjonata li jirrejalizza xi ksur li jkun leziv tal-jedd fondamentali tas-sid, li jista' jwassal ghal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni kemm tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Konvenzjoni.

Fil-fatt fil-kaz in ezami r-rikorrenti qed jikkontendu li wara li l-fond gie rekwizizzjonat u l-post inghata lill Dolores Leyland, u wara li imbaghad fit-2002 l-istess fond ghadda ghand l-intimat Leo Leyland il-kera baqa' ma giex awmentat (ghalhekk qed jitolbu kumpens pekunarju) dan il-fatt qed jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi l-kera prezenti mhux wiehed li jirrifletti l-valur tal-fond fis-suq u l-post illum ilu rekwizizzjonat ghal 20 sena u b'hekk ir-rikorrenti qed igorru piz sproporzjonat bhala effett ta' dan it-tehid.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz l-artikolu 7 ma japplikax billi l-effetti tar-rekwizzjoni jipperduraw oltre d-data li fiha harget ir-rekwizzjoni.

**Rimedju ordinarju**

L-intimat Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali, u l-intimat Leo Leyland, eccepew illi din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita' l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-*proviso* tas-subinciz (2) tal-Artiklu 4 tal-Kap 319 stante li r-rikorrenti m'ezawrewx ir-rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni taghhom.

Huma jissottomettu li l-ordni ta' rekwizizzjoni hu att amministrattiv li anke qabel in 1986 setgha jigi attakkat bhala tali permezz ta' proceduri normali quddiem Qorti ordinarja taht l-artikolu 742(2) tal-Kap 12 vigenti qabel l-emendi tal-1995. Billi r-rikorrenti qed jallegaw li l-ordni ta' rekwizzjoni ma kienitx regolari huma setghu jattakkaw l-istess ordni permezz tal-ligi ordinarja. In kwantu ghal dak

li jirrigwarda Leo Leyland, l-istess att amministrattiv setgha wkoll facilment jigi attakkat permezz tar-rimedju ordinarju taht l-artikolu 469A li fil-frattemp kien ilu snin li dahal fis-sehh.

Dwar l-ilment fuq l-ammont tal-kera, jekk ir-rikorrenti deherilhom li dan ma kienx bizzejjed, huma setghu jirrikorru quddiem il-Bord tal-Kera sabiex jigi fissat il-kumpens gust.

Ir-rikorrenti jissottomettu l-posizzjoni li hadet il-Qorti ta' Strasburg fis-sentenzi Ghigo v Malta u Edwards v Malta jaghtu risposta ghal eccezzjoni sollevata mill-intimati. Illi l-ebda azzjoni ghall-stharrig gudizzjarju ma setghet tirnexxi fil-kaz prezenti.

Kif qalet il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza Edwards v Malta 24/10/2006:

*The Court would emphasize that the application of the rule of exhaustion must make due allowance for the fact that it is being applied in the context of machinery for the protection of human rights that the Contracting Parties have agreed to set up. Accordingly, it has recognized that Article 35 must be applied with some degree of flexibility and without excessive formalism. It has further recognized that this rule is neither absolute nor capable of being applied automatically; in reviewing whether it has been observed it is essential to have regard to the particular circumstances of each individual case (Akdivar and Others v. Turkey, judgment of 16 September 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-IV, p. 1211, § 69, and Sammut and Visa Investments v. Malta (dec.), no. 27023/03, 28 June 2005).*

Diga gie deciz diversi drabi mill-Qorti Ewropeja r-rekwizizzjoni hija mizura li hija legali ghax tohrog a bazi tal-Housing Act, u ghalhekk ma tiksirx l-Artikolu 1 tal-Protokol 1. Inoltre hu accettat ukoll li l-Housing Act hija legislazzjoni li ghandha skop legittimu fl-interess generali kif rikjest mit-tieni paragrafu ta' l-artikolu 1 tal-Protokol 1.

Fdina l-kawza l-lanjanza principali tar-rikorrenti mhiex dwar il-Housing Act *per se* imma hija dwar il-kumpens li r-rikorrenti qed jinghataw ghall-fond li skond huma hu ferm baxx u qed jigu mgieghla jgorru piz sproporzjont. Ghalhekk mhux il-kaz li r-rikorrenti ma ghamlux azzjoni ghal *judicial review* dwar l-ordni tar-rekwizizzjoni kemm fil-1986 jew fit- 2002 (dejjem jekk dawn kienu ghadhom disponibbili ghar-rikorrenti meta setghu jressqu l-lanjanza taghhom) imma jekk hemm *fair balance* bejn *the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights*. Kien biss fit-2006 li l-posizzjonji giet iccarata mill-Qorti ta' Strasbourg (ara kaz ta' Edwards) u wara ta' Ghigo u Fleri Soler.

Fir-rigward tal-kera li ghandha tigi stabbilita ghall-fond, il-Qorti Ewropeja diga kellha opportunita' li tippronunzja ruhha fuq sitwazzjoni simili fejn qalet:

"*It is true that the Government reproached the applicant for his failure to institute proceedings before the Rent Regulation Board to fix a fair rent for the premises (see paragraph 42 above). However, it has not been shown by any concrete examples from domestic law and practice that this remedy would have been an effective one*". Ghigo v Malta para 66. Il-*fair balance* bejn id-drittijiet imsemmija tal-individwu u tal-kommunita mhux wiehed mill-kriterji li jigi ezaminat quddiem il-Bord tal-Kera.

Fil-kaz in ezami ghalhekk hi fehma tal-Qorti li din l-eccezzjoni tal-intimati ma tistax tigi milqugha.

**Legittimu Kontradittur**

L-intimat Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali eccepixxa wkoll li **l-**Avukat Generali mhuwiex il-legittmu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti billi m'ghandux il-mansjoni li johrog ordnijiet ta' rekwizizzjoni u ma hemm ebda allegazzjoni direttament jew indirettament imputabbli lilu. L-intimat jissottometti li l-presenza tal-Avukat Generali hi mehtiega biss fejn ma hemmx Kap ta' Dipartiment jew

entita’ jew korporazzjoni governattiva kontra min jistghu jigu diretti l-allegazzjonijiet ta’ l-individwu rikorrenti.

Ir-rikorrenti jissottometti li hi necessarja l-presenza ta’ l-Avukat Generali f’dina l-kawza biex jirrispondi ghall kull kwistjoni li tista’ titqajjem dwar il-validita’ o meno tal-ligijiet abbazi ta’ liema hareg l-ordni ta’ rekwizzjoni.

Fil-kaz in ezami ma hemm ebda kwistjoni li qed tigi attakkata l-validita o meno tal-ligi li a bazi taghha nharget l-ordni ta’ rekwizzjoni kif diga ntqal aktar ‘l fuq. Barra minn hekk ir-rikorrenti mhux qed jitolbu li jigi dikjarat li l-Housing Act tikser il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni imma biss li jigi dikjarat li r-rekwizizzjoni partikolari tigi annullata billi qed tikser id-drittijiet fundamentali taghhom.

Illi skond l-artikolu 181 B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, imma l-Avukat Generali jirrapprezenta lil Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

Fil-kaz in ezami l-intimat l-Avukat Generali ma johrogx ordnijiet ta’ rekwizizzjoni u hu l-intimat Direttur ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali li kontra tieghu jistghu jigu diretti l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bhala l-awtorita’ kompetenti responsabbili ghal-Housing.

L-intimat Leo Leyland eccepixxa li hu mhux il-legittmu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti ta’ dawn il-Qrati la darba r-rikorrenti gew legalment spussessati mill-fond de quo bhala sidien in vista ta’ l-ordni ta’ rekwizizzjoni huma ma setghux jiddeducu l-pretenzjoni taghhom ghall izgumbrament tieghu. Sakemm hemm rekwizizzjoni fis-sehh it-talba ghall izgumbrament ma tistax tigi milqugha mill-Qorti. Is-sidien ta’ post rekwizizzjonat m’ghandhomx relazzjoni guridika mal-persuna li qed tokkupa l-fond u jistghu biss jagixxu kontra

l-awtorita' kompetenti  biex dina taghmel tajjeb ghall-hlas ta' kumpens jew danni.

Ir-rikorrenti issottomettew li Leyland kellu jkun parti fil-proceduri mhux ghax hu kiser xi drittijiet fundamentali tar-rikorrenti imma ghaliex jekk il-Qorti tikkonkludi li hemm tali vjolazzjoni fil-konfront tad-direttur, il-posizzjoni ta' Leyland tkun wahda prekarja.

Ovvjament Leyland ma kiser ebda drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif tajjeb issottomettew ir-rikorrenti, izda billi tezisti *tenant-landlord relationship*,  il-posizzjoni tal-intimat tista tigi effettwata jekk jinstab li kien hemm xi ksur lamentat mir-rikorrenti. Ghalhekk il-presenza tal-intimat Leyland f'dina l-kawza hija legittima.

**Titolu**

L-intimat Direttur fin-nota tieghu jaghmel referenza ghall-eccezzjoni ohra tieghu fis-sens li  r-rikorrenti ghandhom igibu prova li huma l-proprjetarji tal-fond in kwistjoni u jghid li r-rikorrenti ma gabux prova konkreta li huma effettivament il-propretarji tal-fond in kwisjtoni u li l-kuntratt li gie esibit dwar il-koncessjoni enfitewtika mhiex bizzejjed.

Il-Qorti tirrileva li l-kawza ma kienitx thalliet ghas-sentenza fuq dina l-eccezzjoni, izda biex jigu evitati sentenzi ohra, u billi l-partijiet ittrattaw dina l-eccezzjoni fin-noti taghhom, il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti pprezentaw diversi dokumenti (ara nota datata 7 ta' Frar 2008) minn fejn tirrizulta dina l-prova dwar it-titolu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tichad l-ewwel u tieni eccezzjoni, imma tilqa' t-tielet eccezzjoni tad-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali;
Tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-intimat Leo Leyland.
Spejjez riservati ghad-decizjoni finali.
Kawza tibqa' differita' ghall kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------